**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 067/2017**

**GR ("l-ilmentatrici")**

**vs**

***Bank of Valletta p.l.c.* ( C 2833) ("*BOV*"**

**jew "il-Bank") u**

***BOV Asset Management Ltd.* (C 18603)**

**("*VFM*" jew "*BAM*", flimkien**

**"il-provdituri tas-servizz")**

**Seduta tas-17 t'April 2019**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment** li qed isir kontra l-provdituri tas-servizz li jittratta l-investiment fil-*La Valette Multi Manager Property Fund* ("*LVMMPF*" jew "Fond"), sottofond tal-*La Valette Funds SICAV p.l.c.*

Fl-20 ta' Ottubru 2005, sar investiment fil-Fond ta' €18,000.[1] Fis-27 ta' Frar 2007, sar investiment iehor fil-Fond ghall-ammont ta' €12,803.[2]

Gie sottomess li ghalkemm fis-snin precedenti tal-investiment fil-Fond kienu saru xi investimenti, dan ma kellux jaghmel lill-investitur fil-livell ta' investitur ta' esperjenza.[3]

[1] *A fol.* 67
[2] *A fol.* 72
[3] *A fol.* 5

Fis-sena 2011, giet accettata l-Offerta mill-Bank ta' €0.75 ghal kull sehem fuq il-Fond fejn il-Bank hallas l-ammont ta' €22,173.27.[4]

L-ilmentatrici talblet li titpogga fis-sitwazzjoni inizjali taghha u jinghataw lura l-flus mitlufa mill-investimenti li saru fil-Fond inkluz l-ispejjez li thallsu.

F'dan ir-rigward intalbet li tithallas is-somma ta' €8,629.73, li tinkludi d-differenza fil-prezz kif ukoll l-ispejjez inizjali li kienu thallsu.[5]

**Ra r-risposta tal-provdituri tas-servizz fl-intier taghha li essenzjalment qieghda f'dan is-sens:**

1. Illi in linea preliminari, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru m'ghandux il-kompetenza taht il-ligi biex jiddeciedi dwar il-validità *o meno* tal-kuntratt ta' tranzazzjoni, jew jekk jorbotx il-kuntratt ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet, u semmai tali kwistjoni jekk titqajjem ghandha tigi deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'mod esklussiv;

2. Illi in linea preliminari ukoll, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu qabel xejn jirrifjuta li jezercita l-poteri tieghu stante tranzazzjoni li ghandha s-setgha ta' sentenza li ghaddiet in gudikat.[6] Minghajr limitazzjoni ghall-generalità tas-suespost dan jirrendi l-ilment *de quo* frivolu w vessatorju *ai termini* tal-artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu wkoll jirrifjuta li jezercita l-poteri tieghu fil-konfront ta' BAM u BOV stante illi s-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu s-setgha li jittratta biss ilmenti li jkunu tressqu minn "klijenti eligibbli";

4. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati BAM u BOV m'humiex il-legittimi kontradittturi f'dawn il-proceduri;

5. Illi in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatrici la ghandha d-dritt u lanqas l-interess guridiku li tippromwovi

[4] *A fol.* 5 u 63
[5] *A fol.* 5
[6] Artikolu 1729(1) tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta

dawn l-istanzi stante li bieghet u ttrasferiet id-drittijiet kollha taghha inkluzi drittijiet litigjuzi fil-konfront tal-intimati u, allura, ma tistax illum tezercita dritt li m'ghadux taghha stante li kien gie debitament trasferit *inter alia* lill-intimat BOV, u dan jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fondamentali tal-intimat BOV li jgawdi l-proprjetà tieghu;

6. In linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilment huwa preskritt:

    (i) Kwalunkwe azzjoni li ghandha l-effett li tirrexxindi l-kuntratt li bih l-ilmentatrici ittransigiet mal-intimati hija preskritta bit-trapass ta' sentejn u dan abbazi tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

    (ii) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument il-kuntratt ta' tranzazzjoni kellu jigi skartat, it-talbiet tal-ilmentatrici msejsa fuq allegazzjonijiet ta' responsabbilità *extra contrattuale* jew *aquiliana* huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2153 u 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatrici giet klassifikata bhala *"experienced investor"* minn *Marccus Partners and Mazars Group* skond l-*Independent Review* li tqabbdu jaghmlu mill-MFSA*.* Ghalhekk l-ilmentatrici ma kenitx eligibbli ghal ebda pagament addizzjonali, kif spjegat f'aktar dettall fil-parti C ta' din ir-risposta;

8. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-ilmentatrici ma sofriet ebda dannu bhala rizultat ta' xi imgiba illegali tal-intimati, u li fl-ebda cirkostanza l-intimati ma huwa responsabbli ghall-hlas lill-ilmentatrici ta' kwalsiasi somma in linea ta' danni jew xort'ohra;

9. L-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu ssopportati mill-ilmentatrici.[7]

**Sema' lill-partijiet u ra l-*affidavits* taghhom.**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz.**

---

[7] *A fol.* 25 u 26

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

**Eccezzjonijiet dwar Gurisdizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qajjem tlett eccezzjonijiet dwar il-kompetenza fis-sens li l-Arbitru m'ghandux jisma' dan il-kaz ghaliex m'ghandux il-kompetenza taht il-ligi li jiddeciedi dwar kuntratt ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet li saret *res judicata* liema kwistjoni tista' titqajjem biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'mod esklussiv; li ghalhekk l-ilment huwa wiehed frivolu u vessatorju *ai termini* tal-Artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555 u l-ilmentatrici mhijiex "*klijent eligibbli".*

L-Arbitru ser jittratta dawn l-eccezzjonijiet dwar kompetenza flimkien.

L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji gie mwaqqaf permezz tal-Att XVI tal-2016 (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) li stabbilixxa l-kompetenza tieghu. Ghalhekk, il-kompetenza tal-Arbitru ma tiddependix fuq ir-rieda jew ix-xewqa tal-partijiet jew il-materja li dwarha jigi mitlub jiddeciedi, izda hija stabbilita fuq kriterji oggettivi li l-legizlatur deherlu li ghandu jistabbilixxi.

Skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta,[8] l-Arbitru ghandu l-kompetenza li "*jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-Artikolu 19 (1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizzi finanzjarji*."

M'hemm l-ebda kwalifika dwar il-materja tal-ilment u l-Arbitru jista' jisma' kwalunkwe ilment imressaq minn klijent eligibbli kontra provditur tas-servizzi finanzjarji dejjem fil-limiti tal-istess Att.

Dan huwa imsahhah minn dak li hemm provdut fl-Artikolu 19 (1) fejn il-funzjoni primarja tal-Arbitru hija deskritta bhala dik li *"jittratta lmenti mressqa minn klijenti eligibbli."* L-istess, m'hemm l-ebda limitazzjoni xi jkun l-ilment imressaq sakemm jaqa' fil-parametri tal-istess Kap. 555.

Ghalhekk, it-test tal-kompetenza huwa li min iressaq l-ilment irid ikun "*klijent eligibbli"* u kontra min jitressaq l-ilment irid ikun "*provditur tas-servizzi finanzjarji"* skont id-definizzjoni tal-Kap. 555.

---

[8] Art. 21(1)(b) tal-Kap. 555

*"Klijent eligibbli"* huwa definit bhala: *"klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji."*[9]

L-istess artikolu jipprovdi li *"'klijent' ghandu jinkludi, persuna fizika, inkluzi s-successuri taghha fit-titolu jew mikrointrapriza."*

Il-ligi tistabbilixxi ukoll min hu provditur tas-servizzi finanzjarji:

*"'provditur tas-servizzi finanzjarji' tfisser provditur tas-servizzi finanzjarji li jkun jew li jkun gie licenzjat jew awtorizzat xort'ohra mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont l-Att dwar l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew kull ligi ohra tas-servizzi finanzjarji, inkluz izda mhux limitat ghal servizzi ta' investiment, ibbankjar, istituzzjonijiet finanzjarji, karti ta' kreditu, pensjonijiet u assigurazzjoni…"*[10]

L-ilmentatrici odjerna hija klijent eligibbli peress li hija s-successur fit-titolu ta' min kien investa fil-Fond filwaqt li l-provdituri tas-servizz huma provditur tas-servizz skont id-definizzjoni tal-Kap. 555 fuq citat.

Barra minn hekk, l-Arbitru ghandu wkoll kompetenza *ai termini* tal-Artikolu 21 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, il-kompetenza tal-Arbitru ssehh hekk kif jigu sodisfatti dawn ir-rekwiziti tal-ligi u, galadarba tiskatta din il-kompetenza, l-Arbitru mhuwiex ristrett biex jisma' ilment, tkun xi tkun il-materja u l-kwalità tieghu, basta jkun marbut ma' xi servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u moghti minn provditur ta' servizz li jaqa' taht id-definizzjoni tal-ligi.

Il-legizlatur bl-ebda mod ma illimita l-kompetenza tal-Arbitru hlief ghal dak li jipprovdi l-istess Att. Perezempju, l-Arbitru *"jista' jaghti rimedju pekunjarju ghal kull ilment sa massimu ta' €250,000."*

Li kieku l-legizlatur ried jillimita l-kompetenza tal-Arbitru fic-cirkostanzi li qed jghidu l-provdituri tas-servizz, allura, kieku kien jaghmel hekk, imma dan il-legizlatur m'ghamlux.

---

[9] Kap. 555, Art. 2
[10] *Ibid.*

Barra minn hekk, l-Arbitru ghandu wkoll kompetenza *ai termini* tal-Artikolu 21 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet dwar kompetenza u, galadarba gie deciz li l-ilmentatrici hija klijent eligibbli minhabba l-fatt li hija s-successur tal-awtrici taghha, allura, m'hemm xejn frivolu u vessatorju fl-ilment taghha u ser jikkunsidrah. Jekk ghandhiex ragun fil-mertu dik hija storja ohra kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

*Issa l-Arbitru ser jittratta dak li qalu l-provdituri tas-servizzi finanzjarji li qed isostnu li l-kaz huwa wiehed maghluq ghaliex sehhet tranzazzjoni bejn il-partijiet liema tranzazzjoni ghandha l-effett ta' res judicata bejn il-partijiet.*

U, in sostenn ta' dan, il-provditur tas-servizz jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Kodici Civili.

M'hemm l-ebda dubju li l-provdituri tas-servizz kienu qed joffru servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Il-provdituri tas-servizz mhumiex kumpaniji ordinarji li dahlu f'xi kuntratt semplici ma' kontraent iehor, imma l-provdituri tas-servizz huma kumpaniji li jahdmu fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u huma soggetti ghal skrutinju akbar, anke minn regoli *ad hoc,* li japplikaw f'dak il-qasam, dejjem biex jigi protett l-investitur.

Dan gie enfasizzat mill-*MFSA* fir-rapport taghha tal-22 ta' Gunju 2012,[11] fejn ghamlitha cara li l-provdituri tas-servizz kienu suggetti ghall-*guidelines* applikabbli qabel l-2007 u l-*Investment Services Rules* minn Novembru 2007.

M'hemm l-ebda dubju lanqas li s-servizz jikkostitwixxi kuntratt bejn konsumatur u kummercjant u, ghalhekk, japplikaw ghal din ir-relazzjoni guridika kemm ligijiet, regoli u regolamenti prattici u professjonali stabbiliti u linji gwida minn awtoritajiet supervizjonali nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, u anke ligijiet u Direttivi[12] li saru biex jaghtu protezzjoni lill-konsumatur.

Din ir-relazzjoni guridika li nholqot bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz m'hijiex wahda regolata esklussivament mill-Kodici Civili u, fejn *si tratta* relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, japplikaw il-provedimenti tal-Kap.

---

[11] *Report on the MFSA Investigation into the sales practices by Bank of Valletta p.l.c. of the La Valette Multi-Manager Property Fund.*

[12] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

378 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'din ir-relazzjoni meta jintuzaw espressjonijiet mhux gusti, il-provedimenti tal-Kap. 378 jipprevalu fuq il-Kodici Civili u l-Kodici tal-Kummerc.[13]

L-Arbitru dahal fil-fond fuq din il-kwistjoni fil-Kaz Nru. 028/2016 deciz minnu fit-23 ta' Frar 2018,[14] u semma' r-ragunijiet ghalfejn ma sehhetx tranzazzjoni bejn il-provditur tas-servizz u l-konsumatur.

L-Arbitru spjega li anke skont decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, il-kuncett tal-*pacta sunt servanda* f'dawn il-kazi fejn *si tratta* kuntratt bejn konsumatur u kummercjant kellu l-limitazzjonijiet tieghu.

Spjega ukoll kif l-Offerta u l-kuntratt ta' Accettazzjoni saru f'cirkostanzi fejn il-konsumatur ma kellux wisq ghazla hlief li jaccetta din l-Offerta; u l-klawsoli tal-Offerta fil-bidu taghha u l-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-istess Offerta, kif ukoll kull fejn hemm li l-ilmentaturi kienu qed icedu d-drittijiet litigjuzi taghhom, jew li b'xi mod kienu qed icedu kwalunkwe drittijiet li kellhom, ghandhom jitqiesu klawsoli ingusti u pprojbiti u jitqiesu daqslikieku qatt ma ddahhlu.

Galadarba dawn il-klawsoli tqiesu li m'ghandhom l-ebda effett, ghalhekk jitqies li ma sehhet l-ebda tranzazzjoni bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-kaz.

Peress li, kif inghad, l-Arbitru dahal fil-fond fuq din il-kwistjoni, a skans ta' repetizzjoni, u sabiex jittratta l-ilment kemm jista jkun b'mod *"ekonomiku u mhaffef",*[15] qieghed jaghmel referenza ghal dak li gie deciz minnu fil-Kaz Nru. 028/2016 fit-23 ta' Frar 2018,[16] u r-ragunijiet u l-motivazzjoni li ta f'dak il-kaz f'dan ir-rigward, ghandhom jghoddu ukoll ghal dan il-kaz.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad dawn l-eccezzjonijiet dwar kompetenza.

**Eccezzjoni li l-*BOV u l-BAM* m'humiex il-Legittimi Kontradittturi**

---

[13] Kap. 378, Art. 47(B)

[14] *Link:* https://financialarbiter.org.mt/en/About-Us/Documents/Decisions/2018/KAZ%20028-2016%20-%20CAE%20vs%20Bank%20of%20Valletta%20plc%20et.pdf

[15] Kap. 555, Art. 19(3)(d)

[16] Dan il-kaz jinsab fuq il-*link:* https://financialarbiter.org.mt/en/About-Us/Documents/Decisions/2018/KAZ%20028-2016%20-%20CAE%20vs%20Bank%20of%20Valletta%20plc%20et.pdf

Dwar l-eccezzjoni li l-*BOV* mhuwiex il-legittimu kontradittur, l-Arbitru m'ghandux ghalfejn jidhol wisq fil-fond ta' din l-eccezzjoni ghax jidher evidenti li kien il-*BOV* li biegh il-prodott lill-awtrici tal-ilmentatrici u l-ilmentatrici hija gustifikata li taghmel l-ilment kontra min biegh il-prodott.[17]

Il-provdituri tas-servizz dahlu f'obbligi kuntrattwali mal-awtrici tal-ilmentatrici u, ghalhekk, huwa evidenti li huma l-legittimi kontradittturi. Il-B*OV* kien li biegh l-investimenti u kien il-kustodju tal-Fond filwaqt li *BAM* gja *VFM* kienet il-*manager* tal-Fond u t-tnejn li huma jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' kumpaniji tal-*Bank of Valletta p.l.c.* li kienu qed ivarjaw il-Fond u kull kumpanija kienet qed taghmel funzjoni differenti imma relatata mal-istess Fond. Ghalhekk huma l-legittimi kontraditturi.

**Eccezzjoni li l-Ilmentatrici m'ghandhiex Interess Guridiku**

Dwar l-interess guridiku tal-ilmentatrici, l-Arbitru jhoss li jkun adegwat li jinghad li l-ilmentatrici, bhala successur fit-titolu tal-investitrici, ghandha interess reali, attwali u personali u johrog minn vjolazzjoni ta' dritt. L-ilment li ghamlet jista' jipproduci rizultat pekunjarju jew vantagg ghaliha u huwa guridiku u bbazat fuq dritt pretiz u, ghalhekk, ghandha interess guridiku.

Barra minn hekk, galadarba hija *"klijent eligibbli"* skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha d-dritt tressaq l-ilment taghha quddiem l-Arbitru.

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 1222 u 2153 u 2156 tal-Kodici Civili.

Skont l-Artikolu 1222, kwalunkwe azzjoni li ghandha l-effett li tirrexxindi kuntratt hija preskritta bit-trapass ta' sentejn.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, l-istess artikolu jistabbilixxi li:

*"Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn."*

---

[17] *A fol.* 70 – Dikjarazzjoni tal-intermedjarju

Jigifieri dan l-artikolu jghodd ghal meta min jiftah azzjoni, f'dan il-kaz ilment quddiem l-Arbitru, dik l-azzjoni tkun ibbazata fuq ir-rexxissjoni. L-ilmentatrici mhux qed titlob rexxissjoni tal-obbligazzjoni u, ghalhekk, mhuwiex il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 1222 (1) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 qed jigi invokat ghaliex skont il-provditur tas-servizz it-talbiet tal-ilmentatrici huma msejsa fuq allegazzjonijiet ta' responsabbiltà *extra contrattuale* jew *aquiliana* u huma preskritti skont l-istess artikolu.

L-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 jghid li:

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."*

Dwar din il-preskrizzjoni l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak deciz fis-sentenza: ***Go p.l.c. vs Charles Dimech*,**[18] fejn il-Qorti qalet:

*"Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'.*

*Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn."*

Barra minn hekk, kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza ***Avv. Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** **deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*"Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)."*

Fil-kaz odjern, l-awtrici tal-ilmentatrici u l-provdituri tas-servizz kellhom relazzjoni kuntrattwali bejniethom meta l-provdituri bieghu il-prodott *de quo* lill-awtrici tal-ilmentatrici u dahlu f'obbligazzjonijiet kuntrattwali maghha. Galadarba l-ilment johrog minn relazzjoni kuntrattwali, u din l-eccezzjoni hija

[18] PA, 28 ta' Lulju 2011

bbazata fuq preskrizzjoni relatata ma' *culpa* akwiljana, din l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni qieghda ukoll tigi michuda.[19]

Fl-istess eccezzjoni, il-provditur tas-servizz jaghmel referenza ghall-Artikolu 2156 u jghid li jekk ma japplikax l-Artikolu 2153, ghandu japplika l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Biex tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, qabel xejn, il-provditur tas-servizz irid jindika b'mod preciz u specifiku l-artikolu ezatt tal-ligi. F'dan il-kaz, l-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 jelenka diversi sub-artikoli u l-provditur tas-servizz ma jindikax ghal liema sub-artikolu qed jirreferi, u l-Arbitru ma jistax jindahal hu bejn il-partijiet u jaghzel hu. Jekk l-Arbitru jkollu dubju dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jrid jichadha.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjonijiet kollha dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**

**Il-Fatti tal-Kaz**

**L-Investiment fil-Fond**

Fl-20 ta' Ottubru 2005 sar investiment fil-Fond ta' €18,000 fl-isem ta' ZZ[20] abbazi tal-applikazzjoni datata 20 ta' Ottubru 2005 iffirmata minnha.[21]

Sar ukoll investiment iehor fil-Fond fis-27 ta' Frar 2007, ghall-ammont ta' €12,803.00, liema investiment sar ukoll fl-isem ta' ZZ[22] abbazi tal-applikazzjoni datata 19 ta' Frar 2007, li ggor il-firma ta' NZZ.[23]

NZZ, li huwa hu l-ilmentatrici, spjega li huwa kellu prokura f'isem ZZ, li dak iz-zmien kienet it-tfajla tieghu, biex huwa seta' jamministralha l-fondi.[24] Il-Bank

[19] Ara *Roland Darmanin Kissaun et vs GlobalCapital Financial Management Ltd*., PA, 1/06/2017
[20] *A fol.* 67
[21] *A fol.* 65
[22] *A fol.* 72 – Il-*Contract Notes* huma t-tnejn mahrugin fuq l-isem ta' ZZ, b'K.I. Nru. 143977M
[23] *A fol.* 70 u 121
[24] *A fol.* 120

ikkorrabora li fid-9 ta' Marzu 2006, ZZ kienet hatret lil NZZ bhala l-mandatarju taghha.[25]

Fl-*affidavit* tieghu, NZZ, spjega li wara li tilfu lil missierhom, hu u ohtu gew "*assenjati xi fondi monetarji illi kienu bhala wirt, u ghalhekk, jiena kont namministra tali fondi peress illi ohti kienet ghadha minorenni*".[26]

NZZ sahaq li hu kien gie mhajjar jinvesti fil-Fond fis-sena 2005.[27]

Huwa spjega li :

"*Minhabba ragunijiet familjari u personali, jiena ma stajtx inzomm it-titlu ta' dawn il-fondi, illi wara kollox ma kinux jappartjenu kollha lili*".[28]

Fl-*affidavit* tieghu, NZZ spjega wkoll li ghalhekk l-investiment inizzjali fil-Fond sar fl-isem tal-eks tfajla tieghu, ZZ, "*fejn din accettat illi l-investiment isir f'isimha peress illi ohti GR kienet ghadha wkoll minorenni*".[29]

Fl-istess *affidavit*, NZZ spjega li fis-sena 2009,

"*sar it-trasferiment minn isem ZZ ghal isem GR, u dan ghaliex GR ma kinitx ghada minorenni u jiena spiccajt ukoll ir-relazzjoni mas-sinjorina ZZ*".[30]

Hekk kif anke spjegat mill-Bank, ZZ kienet applikat fis-sena 2007 sabiex l-ishma taghha fil-Fond jinzammu minn "*BOV Wealth Management*" fejn giet allokata *Client No. 30000807.*[31]

Il-Bank spjega wkoll li fit-13 ta' Frar 2009, ZZ kienet applikat sabiex l-ishma taghha fil-Fond jigu trasferiti lill-ilmentatrici,[32] fejn sar trasferiment minn "*Wealth Management Portfolio 30000807*" ghal "*Wealth Management Portfolio 30001574*". Il-*Wealth Management Portfolio 30001574* huwa l-kont tal-ilmentatrici.[33]

---

[25] *A fol.* 28 u 68
[26] *A fol.* 120
[27] *A fol.* 5 u 12
[28] *A fol.* 120
[29] *Ibid.*
[30] *Ibid.*
[31] *A fol.* 73
[32] *A fol.* 28 u 81
[33] *A fol.* 81 – Ara s-sezzjoni intitolata '*Transferee's Declaration*'.

Wara dan it-trasferiment, il-Bank kien hareg "*Statement Of Holdings*" lill-ilmentatrici fejn ikkonferma li fid-19 ta' Frar 2009, kien qieghed izomm l-investiment fil-Fond "*on [her] behalf*".[34]

NZZ iddikjara li ohtu, l-ilmentatrici, ghamlitlu wkoll prokura biex huwa jkun jista' jiffirma f'isimha "*peress illi hija ma kellha l-ebda hjiel rigward investimenti simili*".[35]

Il-Bank ikkorrabora li fil-21 ta' April 2009, l-ilmentatrici hatret lil NZZ bhala l-mandatarju taghha.[36]

Wara li giet accettata l-Offerta, l-Bank hallas is-somma ta' €22,173.27.[37]

**Il-Provdituri tas-Servizz**

Fis-sezzjoni C tar-risposta taghhom, il-provdituri tas-servizz irrimarkaw li l-allegazzjonijiet tal-ilmentatrici huma nfondati fejn essenzjalment sahqu li:[38]

1. L-ishma fil-Fond gew trasferiti lill-Ilmentatrici izda ma kenitx hi li ghamlet l-investiment inizjali:

   (i) Fl-20 ta' Ottubru 2005, ZZ kienet investiet fil-Fond. Din kienet iddikjarat li kienet *experienced investor*;

   (ii) Fid-9 ta' Marzu 2006, ZZ kienet hatret lil NZZ bhala l-mandatarju taghha;

   (iii) Fid-19 ta' Frar 2007, ZZ kienet applikat ghal aktar ishma fil-Fond. Ghal dan l-investiment addizzjonali, ZZ ma rceviet l-ebda parir mill-Bank u d-decizjoni li tinvesti fil-Fond kienet taghha biss. L-investiment taghha kien "*execution only*", jigifieri l-Bank kellu biss jesegwixxi l-istruzzjonijiet ta' ZZ;

   (iv) Fid-19 ta' Frar 2007, ZZ kienet applikat sabiex l-ishma f'isimha jinzammu minn *BOV Wealth Management*;

[34] *A fol.* 86
[35] *A fol.* 120
[36] *A fol.* 28 u 87
[37] *A fol.* 5 u 8
[38] *A fol.* 27-29

(v) Fit-13 ta' Frar 2009, ZZ kienet applikat sabiex l-ishma taghha fil-Fond jigu trasferiti lill-ilmentatrici. L-ilmentatrici kkonfermat illi hija ma rceviet l-ebda parir f'dan ir-rigward u ghalhekk kienet id-decizjoni taghha li taccetta dawn l-ishma;

(vi) Fil-21 ta' April 2009, l-ilmentatrici hatret lil NZZ bhala l-mandatarju taghha;

(vii) Fit-23 ta' Gunju 2011, l-ilmentatrici accettat l-Offerta.

2. L-ilmentatrici tghid illi fis-sena 2005 kienet imhajjra tinvesti. Dan m'huwiex il-kaz ghaliex, kif jidher mill-paragrafu hawn fuq, l-investiment ma kienx sar mill-ilmentatrici u hi akkwistat l-ishma fil-Fond fis-sena 2009.
3. L-ilmentatrici tghid illi ghalkemm hija kienet ghamlet xi investimenti, dan m'ghandux ipoggiha fil-livell ta' investitur esperjenzat. Fl-ewwel lok, l-intimati jirrispondu illi l-klassifikazzjoni tal-ilmentatrici bhala investitur b'esperjenza saret minn *Marccus Partners and Mazars Group*, u mhux mill-intimati.
4. Addizzjonalment, l-intimati jirrispondu illi l-ilmentatrici ghandha investimenti sostanzjali.
5. L-ilmentatrici tghid li hi tistenna li l-Bank ihallasha lura l-flus mitlufa mill-investiment, inkluz l-ispejjez li kienet hallset, u jerga' jpoggiha fis-sitwazzjoni inizjali taghha. Izda l-ilmentatrici ma tissostanzjax u ma taghti l-ebda raguni ghal din it-talba u, ghalhekk, ma hemm l-ebda raguni ghalfejn l-intimati ghandhom jaghmlu xi hlas iehor, oltre mill-hlas li gja sar mal-kuntratt ta' tranzazzjoni.

Matul is-smigh ta' dan il-kaz, il-provdituri tas-servizz ipprezentaw erba' *affidavits* flimkien ma' dokumentazzjoni ohra kif gej:

*Affidavit tas-Sur FF – Senior Financial, Advisor, Wealth Management mal-Bank of Valletta p.l.c.*[39]

L-*affidavit* tieghu jispjega li f'Ottubru 2005, l-ufficjal tal-Bank kien ta parir lil NZZ biex jinvesti fil-Fond. L-ufficjal tal-Bank spjega wkoll li t-tieni investiment, dak ta'

[39] *A fol.* 123

Frar 2007, li sar ukoll f'isem ZZ, sar ghar-raguni li l-Fond kien sejjer tajjeb u mhux kif qal NZZ fl-*affidavit* tieghu, li t-tieni investiment sar sabiex ikun jista' jikkumpensa ghat-telf soffrut fil-perjodu ta' qabel.[40]

L-ufficjal tal-Bank sahaq li hu qatt ma pprovda parir lil NZZ biex jaghmel l-investiment fil-Fond f'isem ZZ u li NZZ qatt ma kien infurmah li l-flus li intuzaw biex jixtru s-sehem fil-Fond kienu wkoll t'ohtu.

L-ufficjal tal-Bank ipprovda wkoll dettall fuq is-sekwenza tal-avvenimenti relatati mal-investimenti li saru fil-Fond kif ukoll dettall fuq investimenti li kellu NZZ.

Gie ipprovdut ukoll registru ta' investimenti li l-ilmentatrici kellha f'isimha.

*Affidavit tas-Sur Mario Mallia – Chief Executive Officer mal-Bank of Valletta p.l.c.*[41]

Fl-*affidavit* tieghu saret partikolarment referenza ghall-fatt li l-investimenti fil-proprjetà immobbli kienu gew affettwati b'mod negattiv kawza tal-krizi finanzjarja globali li hakmet is-swieq finanzjarji madwar id-dinja.

Barra minn hekk, hu sahaq fuq il-fatt li l-ilmentatrici kienet accettat l-Offerta tal-Bank (€0.75), liema Offerta kienet suggetta ghal diversi kundizzjonijiet.

*Affidavit tas-Sur Kenneth Farrugia – Chief Officer Business Development mal-Bank of Valletta p.l.c.*[42]

L-*affidavit* tieghu huwa iktar iffokat fuq l-irwolijiet tas-*SICAV*, tal-*BOV Asset Management Limited* (qabel *VFM*) bhala *Manager* tal-Fond, tal-*Bank of Valletta p.l.c.* bhala l-Kustodju tal-Fond, u l-*LVMMPF* innifsu kif ukoll il-komunikazzjonijiet mal-investituri.

Fost dokumenti ohra, mal-*affidavit* tieghu giet ipprezentata kopja tal-Prospett Supplimentari datat l-1 ta' Settembru 2005.

*Affidavit tas-Sur Peter Perotti – Chief Retail Banking Officer mal-Bank of Valletta p.l.c. u Direttur tal-La Valette Funds SICAV p.l.c.*[43]

---

[40] *A fol.* 120
[41] *A fol.* 136
[42] *A fol.* 181
[43] *A fol.* 308

L-*affidavit* tiegħu iffoka fuq is-sospensjoni tal-fidi tal-ishma fil-*LVMMPF* u x'wassal għal din is-sospensjoni, filwaqt li elenka d-diversi komunikazzjonijiet li saru mal-investituri f'dan ir-rigward.

Ġew ukoll ippreżentati diversi kontijiet finanzjarji tal-iskema fost dokumenti oħra relatati mal-Fond.

L-*affidavit* ta' Antoine Sciberras *biss* huwa speċifiku għall-ilment innifsu.

**Osservazzjonijiet oħra u Konkluzjoni**

Dan il-każ huwa wieħed partikolari ħafna għaliex l-ilmentatriċi ma kinetx il-persuna li għamlet l-investiment iżda ġie trasferit lilha u, għalhekk, ma kinetx il-persuna li seta' jiltaqa' magħha l-Bank u jkun f'pożizzjoni li jiġġudika jekk kinetx persuna ta' esperjenza u jekk setgħetx tinvesti f'dan il-Fond.

Għal dawk li huma *Experienced Investor Declaration Forms* ġew ippreżentati waħda datata 20 ta' Ottubru 2005, fir-rigward ta' ZZ,[44] u oħra datata 9 ta' Marzu 2007, fir-rigward ta' *Wealth Management Portfolio No. 30000807.* Din tal-aħħar saret meta ZZ kienet applikat fi Frar 2007, sabiex l-ishma fil-Fond f'isimha jinżammu minn *BOV Wealth Management Ltd.*[45]

**Ma ġiet ipprovduta l-ebda *Experienced Investor Declaration Form* li ġiet mimlija fir-rigward tal-ilmentatriċi meta ġew ittrasferiti lilha l-ishma fil-Fond.**

Meta sar l-eżerċizzju tal-*Mazars*[46] fis-sena 2011 fuq Direttiva tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta,[47] jidher li din id-ditta kienet rat il-fajl tal-"*BOV a/c Management 30000807*". Kif imsemmi hawn fuq, dan kien il-kont magħmul fuq l-isem ta' ZZ.[48]

---

[44] *A fol.* 66
[45] *A fol.* 73
[46] Ir-rapport jista' jitniżżel minn fuq is-sit tal-Awtorità: https://www.mfsa.com.mt/pages/announcement.aspx?id=5290
[47] Din id-Direttiva kienet annessa mal-Applikazzjoni ta' Appell li l-provditur tas-servizz kien ressaq quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji kontra l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fit-28 ta' Ġunju 2012.
[48] *A fol.* 73

L-ittra datata 21 ta' Jannar 2013,[49] li tindika l-ezitu tal-ezercizzju li sar mill-*Mazars* u li intbaghtet mill-Bank hija, fil-fatt, indirizzata lil "*BOV a/c Management 30000807, c/o BOV Wealth Management*".[50]

F'din l-ittra gie spjegat li wara *review* tal-fajl mill-*Mazars,*

"*... it results that you qualify as an 'experienced investor' as defined in the approved Prospectus of the La Valette Multi Manager Property Fund (the Fund) and, consequently, you are not eligible for any additional payment from the Bank*".[51]

Il-Bank ipprezenta prospett tal-*holdings* fuq l-isem ta' "*Bank of Valletta p.l.c. a/c Wealth Management Nominee 30001574*". Dan tal-ahhar huwa l-kont tal-ilmentatrici hekk kif johrog mill-formola tal-Bank meta sar it-trasferiment tas-sehem fil-Fond lilha fit-13 ta' Frar 2009.[52]

Minn din il-lista johrog biss li ma kien hemm ebda tranzazzjonijiet ta' investimenti f'dan il-kont qabel id-19 ta' Frar 2009,[53] u t-tranzazzjonijiet f'investimenti huma kollha minn din id-data 'l quddiem.

Il-Bank ipprezenta wkoll registru ta' investimenti li l-ilmentatrici kellha f'isimha[54] li jindika diversi tranzazzjonijiet ta' investiment li saru minn Lulju 2008 'l hemm.

**Konkluzjoni**

L-Arbitru kkonsidra c-cirkostanzi partikolari u xejn ortodossi ta' dan il-kaz, fejn iz-zewg investimenti fil-Fond - tal-20 ta' Ottubru 2005 u tas-27 ta' Frar 2007 - saru f'isem persuna ohra li mhix parti f'dan l-ilment.

L-ilmentatrici ma kinitx la xi parti jew b'xi mod iehor tidher f'dawn it-tranzazzjonijiet, hekk kif ikkonfermat mill-Bank fejn gie indikat li:

"*NZZ never informed me that the moneys used to purchase shares in the property fund were partly owned by his sister*".[55]

---

[49] *A fol.* 88
[50] *Ibid.*
[51] *Ibid.*
[52] *A fol.* 81
[53] *A fol.* 89 u 90
[54] *A fol.* 134 u 135
[55] *A fol.* 123

Fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn l-ilment qed isir mill-ilmentatrici fuq il-mod ta' kif inbiegh l-investiment u jekk kinetx '*experienced investor*', peress li l-prodott ma nbieghx lilha, allura, ma kinetx hi involuta waqt l-assessjar jew in-nuqqas tieghu meta nbiegh l-investiment.

M'hemmx dubju li l-ilmentatrici hija s-successur legali fit-titolu ta' ZZ u f'dak il-kaz, allura, tidhol fiz-zarbun taghha.

L-ilment, finalment, huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li ma kinetx "*experienced investor*". Però, l-ilmentatrici ma kinetx il-persuna li xtrat l-investiment u gie biss mghoddi lilha bi trasferiment. Ghalhekk kellha titressaq prova li ZZ, l-awtrici taghha, ma kinetx "e*xperienced investor"*.

L-Arbitru, izda, m'ghandux informazzjoni dwar ZZ li permezz taghha jista' jasal ghal dan.

Apparti l-fatt li ZZ kienet l-eks tfajla ta' hu l-ilmentatrici, l-unika informazzjoni li inghatat u li harget waqt il-kaz in kwistjoni f'dan ir-rigward kienet dik fl-*affidavit* tal-ufficjal tal-Bank,[56] fejn hareg li ZZ kellha f'isimha portafoll ghall-ammont ta' €155,877, skont *portfolio valuation* datat 2 ta' Gunju 2008,[57] liema portafoll kien fih, fosthom, investimenti f'diversi fondi ta' investiment lokali ghall-ammont ta' €102,371.72, inkluz l-investiment fil-Fond, u investimenti f'ishma ta' kumpaniji lokali u barranin b'valur totali ta' €37,867.39.

L-ilmentatrici ma gabet l-ebda gustifikazzjoni, prova jew xi informazzjoni relevanti li tindika li l-Fond ma setax jinbiegh mill-Bank lill-awtrici taghha ghaliex din ma kinetx "*experienced investor"* u, fic-cirkostanzi, l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova jew bazi ragonevoli fuq xiex jista' jqis li l-investiment in kwistjoni ma setax jinbiegh lil ZZ.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru ma jistax jilqa' l-ilment.

Peress li l-Arbitru cahad diversi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

---

[56] *A fol.* 125
[57] *A fol.* 132.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**